

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2018/600

tal-10 ta' Ottubru 2016

**dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Lulju 2013, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati ma' New Zealand bil-għan li jiġi konkluż Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali ("Il-Ftehim"). In-negozjati ġew konklużi b'suċċess bl-inizjalar tal-Ftehim fit-23 ta' Settembru 2015.
- (2) L-għan tal-Ftehim huwa li jstabbilixxi l-bażi legali għal qafas ta' kooperazzjoni li jimmira li jiżgura l-katina tal-provvista u li jiffaċilita l-kummerċ leġittimu, kif ukoll li jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni biex tkun żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-leġiżlazzjoni doganali u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-ġlieda kontra l-ksur tal-leġiżlazzjoni doganali.
- (3) Il-Ftehim għandu jiġi ffirmit,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-iffirmar, fisem l-Unjoni, tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u New Zealand dwar il-kooperazzjoni u l-assistenza amministrattiva reċiproka f'materji doganali huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dak il-Ftehim <sup>(1)</sup>.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jinnomina l-persuna jew persuni li jkollhom is-setgħa li jiffirmaw il-Ftehim fisem l-Unjoni.

<sup>(1)</sup> It-test tal-Ftehim jiġi ppublikat flimkien mad-deċiżjoni dwar il-konklużjoni tiegħu.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, l-10 ta' Ottubru 2016.

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*  
G. MATEČNÁ

---